**4 ta' Frar, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. M. Caruana Curran B.A., LL.D.**

Joseph Mifsud noe

*versus*

Paul Tanti

**Vizzju tal-Kunsens — Rexissjoni — Onere tal-Prova — Qerq — Dolo.**

*Illi l-għemil dolus huwa motiv ta' nullità tal-ftehim meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali li mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*

*Id-dolo jew frode mhu qatt preżunt u jrid jiġi pruvat minn min jallegah.*

*Id-dolo ma jistax jikkonfigura ruħhu fiċ-ċirkostanza "per se" tal-prezz eċċessiv.*

*Biex jiġi pruvat dolo trid issir il-prova li parti waħda wżat "scienter" raġġiri frawdolenti u artifiżji li kienu gravi, ċjoè, tali li jeżulaw mill-eżeġerazzjonijiet jew retiċenzi tollerati fil-kummerċ u l-istess mezzi disonesti kienu determinanti tali, ċjoè, li mingħajrhom dak li fkun ma kienx jikkontratta.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur proprio et nomine — peress illi fil-5 ta' Marzu, 1964, il-konvenut xtara u akkwista mingħand l-attur proprio et nomine set ta' ħames kotba bil-prezz ta' wieħed u għoxrin lira, tmintax-il xelin u sitt soldi (£21. 18. 6), liema prezz il-konvenut obbliga ruħu li jħallas b'pagamenti mensili ta' lira (£1) il-wieħed li kellhom jibdew mill-1 ta' April, 1964, u bil-kondizzjoni li jiddekadi mill-benefiċċju tat-terminu lilu konċess jekk jonqos li jħallas żewġ rati konsekutivi (Dok. A); peress illi l-konvenut ħallas biss £1 depożitu u ma ħallas ebda pagament mensili dovut sal-lum — talab li l-konvenut għar-raġunijiet premessi (1) jiġi dikjarat li huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu fuq imsemmi u (2) konsegwentement l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur proprio et nomine il-bilanċ dovut ammontanti għal għoxrin lira, tmintax-il xelin u sitt soldi (£20. 18. 6) bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Mejju, 1964 u l-imgħaxijiet legali;

OMISSIS;

Ikkunsidrat;

Illi rriżulta illi l-konvenut xtara minn għand id-ditta attriċi, wara visita fid-dar tiegħu mill-pjazzist Deguara, is-set ta' erba' kotba "The World of Wonder" b'aġġunta ta' atlas, skond l-iskrittur Dok. A (fol: 5) bid-data tal-5 ta' Marzu, 1964 u bil-prezz ta' £21 oltre "finance charge" ta' 18/6d. Skond din l-iskrittura kellu jsir pagament ta' £1 ma' l-iskrittura u l-bilanċ ta' £20 kellu jitħallas b'rati mensili ta' £1 il-waħda, bil-patt tad-dekadenza fin-nuqqas ta' żewġ rati suċċessivi. Il-konvenut ħallas £1 "down payment" iżda ma ħallas ebda rata.

Illi l-konvenut irid jiġġustifika dan in-nuqqas billi jallega li hu ffirma dik l-iskrittura għax kien indott b'qerq.

Illi l-għemil dolus huwa motiv ta' nullità tal-ftehim meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta, u dan dolo jew frodi mhuwiex presunt imma jrid jiġi ippruvat, naturalment mill-konvenut li qiegħed jallegah (art. 1024 Kod. Ċiv.).

Illi mid-depożizzjoni tal-konvenut jirriżulta li l-unika ċirkostanza li huwa jappunta fuqha biex jipprova dan l-għemil dolus huwa il-fatt li huwa staqsa għal tlitt darbiet lill-pjazzist jekk il-prezz ta' £21 li dan ikkwotalu fl-unika laqgħa li kellhom u li dik inhar stess ikkonversaw fuqu, kienx il-prezz sewwa tas-set ta' kotba in kwistjoni, u li dana assigurah li jiswa daqshekk, mentri in segwitu d-ditta Foyle Ltd. offritulu b'£5.5 (fattura fol: 7) u li t-tifel tax-xhud Sapienza, li hu lanqas ma pproduċa bħala xhud, offrihulu bi £8. Fuq dan u fuq dan biss il-konvenut jippretendi li l-kunsens tiegħu ġie indott b'qerq jew għemil dolus.

Illi ċ-ċirkostanza tal-fattura ta' Foyle Ltd. hija ekwivoka għax ma ġietx sostanzjata oltre minn dak li jidher mill-

wiċċ tagħha u għalhekk ma jirriżultax jekk l-offerta ta' dik id-ditta kenitx ta' xi kopja 'sekondaman'', bħal ma dik id-ditta kif huwa notorju, ħafna drabi tbieh. Kwantu għat-tifel tax-xhud Sapienza, dan, kif intqal, lanqas ma ġie prodott, u għalhekk ix-xhieda tal-konvenut fuq il-prezz ta' £8 offert mit-tifel tax-xhud hija "hearsay" u inattendibili. Il-konvenut lanqas ma ra l-ktieb li Sapienza suppost li offrilu.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi jaqgħu l-uniċi żewġ motivi li l-konvenut qanqal biex jipprova jixħet dubju fuq il-veraċità tal-pjazzist Deguara meta wieġbu li l-prezz kien sewwa.

OMISSIS;

......id-dolo ma jistax jikkonfigura ruħu fiċ-ċirkostanza "per se" tal-prezz eċċessiv. Anki fl-ipotesi ta' l-eċċessività attwali tal-prezz (l-ipotesi li ma ġietx pruvata) il-konvenut kien għad ikun jonqsu jġib il-provi "aliunde" li ġew prattikati bi ħsara tiegħu artifizju u raġġiri frawdolenti, i.e., mezzi, toloz u disonesti adoperati "scienter" mill-attur, u mhux biss, imma kien ukoll għad jonqsu l-prova li dawk il-mezzi hekk pratikati kontra tiegħu mill-attur (u mhux minn xi terz) kienu gravi, tali, iġifieri, li jeżulaw mill-eżaġerazzjonijiet jew ir-retiċenzi tollerati fil-kummerċ, u determinanti, tali, iġifieri li mingħajrhom il-konvenut ma kienx jikkuntratta, u dana skond in-nota definizjoni ta' Labeone p. I. Dig. De Dolo Malo. Issa jekk, kif il-Qorti tirritjeni, tonqos il-prova ta' l-istess raġġiri, il-Qorti mhijiex imsejħa biex tidħol fil-gravità u d-determinatezza tagħhom. F'sens konformi dwar l-eżaltazzjoni tal-ħaġa mibjugħa fin-nuqqas ta' dolo jew frode, vide Kollez. XXXV, iii, 560, konfermata fl-appell. u sentenzi oħra hemm ċitati. L-iskrittura għalhekk saret liberament u mhijiex legalment vizjata. Imbagħad, jekk il-Qorti tista' tippermetti lilha nnifisha dan il-komment, il-konvenut in segwitu ra l-prezz għali kif ġeneralment huwa llum

il-ġurnata l-prezz tal-kotba tal-kwalità in kwistjoni ta' legatura u forma eleganti, apparti mill-kontenut interessanti tagħhom, speċjalment meta jinxtraw "on the never never" wara xi visita subitanea tal-pjazzist fid-dar tax-xerrej li jixtri bil-għaġla u jirripenti bil-mod.

Illi kwantu għall-eċċezzjonijiet tal-intempestività l-konvenut ma ressaq ebda prova li kien f'xi trattativi ta'ranġament.

Għal dawn ir-raġunijiet, prevja r-riġett tat-talba verbalizzata mill-konvenut għall-produzzjoni tad-dokument fuq imsemmi, il-Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-attur proprio et nomine bl-ispejjeż kontra l-konvenut.